## 30 ta' Lulju, 1992

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Jan *sive* John Leone Ganado

**Reperti**

*L-inosservanza tal-formalitajiet dwar ir-reperti ma ġġibx bħala konsegwenza li d-dokument relattiv għar-reat ma jkunx jista' jiġi prodott bħala prova fil-ġudizzju, imma tkun tista' biss, bejn wieħed u ieħor, skond iċ-ċirkostanzi, tinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-grad ta' prova li dak id-dokument ikun jista' jimmerita.*

Il-Qorti: –

Rat L-akkużi miġjuba kontra l-imsemmi Jan *sive* John Leone Ganado;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tat-2 ta' April 1992;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab li din il-qorti:

(1) tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Marzu, 1992 u tippermetti x-xiehda ta' Marcelle Leone Ganado, u

(2) tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' April 1992 billi tilliberah minn kull akkuża u piena u

(3) subordinatament u mingħajr preġudizzju tilliberah minn piena karċerarja *ai termini* ta' l-artikolu 22(b)(ii)(proviso) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 1992 li bih laqgħet l-ewwel talba ta' l-appellant, u rrevokat id-digriet imsemmi tat-23 ta' Marzu, 1992;

Semgħet ix-xiehda ta' Marcelle Leone Ganado, u t-trattazzjoni ta' l-Avukati;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Bit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li fl-elevazzjoni u l-preserazzjoni ta' l-esebiti ma jidhirx li ġew osservati d-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant hawnhekk qiegħed evidentement jirriferixxi għall-formalitajiet preskritti fl-artikoli 558 u ta' warajh tal-Kapitolu 9 f'każ ta' repert. Irriżulta fil-każ odjern li l-Pulizija għamlet tfittxija fi *flat* Tas-Sliema li kien okkupat mill-appellant. Hemmhekk, fil-preżenza ta' l-appellant u ta' martu, il-Pulizija sabet l-oġġetti esibiti u elevathom. Irriżulta li dawk l-oġġetti ġew esibiti f'dan il-proċedimenti u eżaminati mill-esperti skond il-

liġi. Ma jidhirx li ġew osservati l-formalitajiet kollha in kwistjoni;

L-inosservanza ta' dan il-formalitajiet ma ġġibx bħala konsegwenza li d-dokument relattiv għar-reat ma jkunx jista' jiġi prodott bħala prova fil-ġudizzju, imma tkun tista' biss, bejn wieħed u ieħor, skond iċ-ċirkostanzi, tinfluwixxi fuq l-apprezzament tal-grad ta' prova li dak id-dokument ikun jista' jimmerita (Vol. XL.IV.987). Fil-fatt l-esibiti in kwistjoni jikkorroboraw lill-appellant fid-dikjarazzjoni tiegħu lill-Pulizija li kien ipprepara l-kokaina għat-tipjip u pejjipha;

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti bbażat ruħha ħafna fuq id-deposizzjoni tax-xhud Mario Hales. Dik il-Qorti evalwat din ix-xhieda anki mill-komportament tax-xhud u kkonkludiet li Hales kien veritier. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni li għaliha ma għandhiex taqbel ma' l-ewwel Qorti;

L-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellant jirriżultaw sodisfaċentement pruvati;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.